MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 643/2004

**St Michael School Company Limited (C 9943)**
**vs.**
**James Armeni**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ipprezentata mis-socjeta’ attrici fl-24 ta’ Awissu, 2004, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja ta' blokk ta' bini konsistenti fi zewg maisonettes fi Triq San Guzepp, San Gwann officjalment bla numru, bl-isem "Vanessa" fir-rigward tal-maisonette fil-pjan terran, u "Jacqueline" fir-rigward tal-maisonette sovrastanti, flimkien ma' gnien kbir tal-kejl superficjali ta' seba' mija u tmienja u disghin punt tlieta metri kwadri (798.3 mk), accessibli mill-maisonette tal-pjan terran, liema proprjeta giet akkwistata mis-socjeta attrici permezz ta' kuntratt datat tletin (30) ta' Settembru 1988 fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh Grima, kopja ta' liem qed tigi hawn annessa u markata Dokument "A";

Illi l-konvenut abbussivament, bi vjolenza u illegalment ha f'idejh parti mill-gnien proprjeta tas-socjeta attrici biex jaghmilha parti mill-proprjeta tieghu billi waqqa' l-hajt divizorju li jifred il-gnien tal-konvenut u l-proprjeta' tas-socjeta attrici sabiex ikollu access ghall-proprjeta' tal-istess socjeta attrici;

Illi dan l-agir u l-kontinwazzjoni tieghu qed jikkaguna danni serji lis-socjeta attrici li effettivament qed tigi inibita milli taghmel uzu mill-proprjeta taghha stess;

Illi nonostante li gie debitament interpellat jqieghed lura lis-socjeta attrici fil-pussess tal-art taghha u jregga' kollox lura ghall-istat pristinu tieghu, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex :

(i) tiddikjara u tiddeciedi li l-porzjon art mill-gnien formanti parti integrali mill-maisonette ufficjalment bla numru bl-isem "Vanessa", fi Triq San Guzepp, San Gwann, liema proprjeta' giet akkwistata mis-socjeta attrici permezz ta' kuntratt datat tletin (30) ta' Settembru 1988 fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh Grima u okkupata mill-konvenut hija proprjeta' tas-socjeta attrici;
(ii) tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut qieghed illegalment jokkupa l-imsemmija porzjon art;
(iii) tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu hekk iffissat minn dina l-Onorabbli Qorti jqieghed lis-socjeta' attrici fil-pussess tal-art minnu illegalment detenuta u jregga' kollox lura ghall-istat pristinu tieghu, ghas-spejjez tal-konvenut;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Li permezz taghha qieghed jammetti t-talbiet kif dedotti;

2. Illi fit-tieni lok pero huwa qieghed jikkontesta l-kap tal-ispejjes minnhabba s-segwenti fatturi:-

a) Illi ma kienx hemm ghalfejn li l-kawza odjerna tigi ntavolata in vista tal-fatt li l-kontendenti kienu ghadhom fi stat ta negozjati bejniethom dwar it-titolu fuq l-istrixxa art in kwistjoni u kwindi l-azzjoni odjerna hija ntempestiva;
b) lIli l-konvenut kien gie zvijjat u mqarraq mill-istess atturi stante li fis-sena 2002 huwa kien ghamel diversi benefikati fuq l-imsemmija art fosthom twaqqiegh ta hajt u bini ta hajt iehor, li jigi appogg mal-Malta Development Corporation, liema xogholijiet kienu gew esekwiti bil-konsapevolezza tal-istess atturi minnghajr ebda pretenzjoni ta titolu jew pretenzjoni ohra da parti taghhom;

c) Illi l-unika access li kien hemm ghall-imsemmija porzjoni ta art kienet mill-proprjeta tal-konvenut biss u qatt ma kien hemm access ghall-istess art mill-proprjeta tal-atturi u dana kif jidher mill-annessi zewg ritratti markati Dok A u Dok B;

d) Illi l-konvenut kien hadt il-hajt tal-gnien li kien fi stat disaztruz u fil-perikolu imminenti li jaqa u bena iehor mill-gdid bi ftehim u kunsens tal-garr adjacenti tieghu, cioe tal-Malta Development Corporation tant li dawn ta l-ahhar anke halsuh ta nofs l-ispejjes tal-kostruzzjoni tal-istess hajt;

3. U peress illi l-atturi ser ikunu qed jarrikixxu ruhhom indebitament mill-benefikati li ghamel il-konvenut fl-art in kwistjoni, l-konvenut sejjer juzufruwixxi ruhu mill-process ta dina l-kawza intavolata kontra tieghu billi jressaq il-kontro-talba annessa ma dan l-att kontra l-atturi in rikonvenzjoni ghal hlas lura tal-istess;

4. Illi ghalhekk il-konvenut ma ghandux ibghati l-ispejjes ta dina l-kawza li ghandhom jigu sopportati mill-istess atturi;

Bl-ispejjez kontra l-atturi minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut ipprezentata kontestwalment man-nota tieghu, li permezz taghha wara li ippremetta :

Illi I-konvenut kien ghamel diversi benefikati fuq porzjoni ta art meritu ta dina I-kawza, liema art irrizultat sussegwentement minn ricerki ulterjuri Ii kienu saru Ii kienet tappartjeni lill-atturi;

Illi I-atturi sejrin jibbenefikaw minn tali miljoramenti fosthom bini ta
hajt mill-gdid Ii kien fil-periklu imminenti Ii jaqa;

Illi tali benefikati kienu gew esekwiti bil-konsapevolezza tal-istess atturi aktar minn sentejn ilu minnghajr qatt ma ppretendew xi titolu u/jew xi pretenzjoni ohra simili fuq I-imsemmija art;

Illi dana jikkostitwixxi arrikkiment indebitu;

Talab li s-socjeta' attrici tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikara Ii I-atturi huma responsabbli ghal hlas Iura favur il-konvenut tal-valur tal-benefikati Ii kienu saru fl-imsemmija art meritu ta dina I-kawza a bazi tal-principju tal-arrikkiment indebitu;
2. Tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenut is-somma komplessiva ta Lm1260 rapprezentanti refuzjoni tal-valur tal-benefikati maghmula mill-konvenut fuq I-imsemmija art skond ma kif jirrizulta mill-anness prospett markat Dok C;

BI-ispejjes u bl-interessi legali kontra I-atturi minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta attrici rikonvenzjonata ghall-kontro-talba tal-konvenut, li in forza taghha eccepiet :

(i) illi t-talbiet tal-konvenut huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi meta s-socjeta attrici giet a konoxxenza tal-agir abbussiv tal-konvenut rikonvezjonat, u interpellat diversi drabi lill-konvenut sabiex minnufih jiddesisti mill-agir abbussiv tieghu, il-konvenut baqa inadempjenti;
(ii) illi l-konvenut qieghed issa jittanta jesperixxi l-azzjoni de in rem verso ghal allegat arrikiment indebitu tas-socjeta attrici f'cirkostanzi fejn huwa stess jippremetti illi l-art proprjeta tas-socjeta attrici ilha f'idejh "aktar minn sentejn";
(iii) illi inoltre x-xogholijiet li setghu saru fil-porzjon art proprjeta tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata saru minghajr il-kunsens taghha u ad insaputa taghha;
(iv) illi kull xoghol li talvolta seta ghamel il-konvenut ma kienx jinteressa lis-socjeta attrici billi l-istess socjeta ma kellha l-ebda intenzjoni li tuzufruwixxi dik il-porzjon art li fuqha ha pussess il-konvenut billi thawwel is-sigar fiha u tuzaha bhala gnien;
(v) illi ghalhekk is-socjeta' attrici ser ikollha tinvolvi ruhha fi spejjez zejda sabiex tregga' l-porzjon art ghal li kienet qabel u ghalhekk is-socjeta' attrici rikonvenzjonata ma arrikietx ruhha bix-xogholijiet li saru mill-konvenut;
(vi) illi ghalhekk xejn minn dak li sar ma hu ta' vantagg jew utilita ghas-socjeta attrici rikonvenzjonata;
(vii) illi, minghajr pregudizzju ghas-suepost l-ammont, indikat fil-prospett tal-ispejjez, li allegatament hareg il-konvenut fuq l-art proprjeta tas-socjeta' attrici, ma ssarrafx effettivament f'beneficcju ghas-socjeta attrici rikonvezjonata;
(viii) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma mitluba mill-konvenut hija eccessiva;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Jannar, 2005 li permezz tieghu innominat lill-Perit Tekniku Godwin Abela sabiex

jiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-konvenut kif kontenuti fil-kontro-talba fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur, sabiex jirrelata bil-miktub dwar dan kollu wara illi jaghmel il-kostatazzjonijiet kollha necessarji anke fuq il-post bis-soliti fakultajiet inkluz li jisma xhieda bil-gurament, spejjez provizzorjament ghas-socjeta' attrici;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku minnu ipprezentat u mahluf fis-17 ta' Frar 2009;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi gie prodott affidavit ta' Francis Zammit li xehed illi jahdem ghar-rasu fix-xoghol ta' kostruzzjoni u xi snin ilu kien gie imqabbad mill-konvenut sabiex jahdimlu fi gnien wara d-dar tieghu li tinsab f'San Gwann u kien gie imqabbad biex ihott hajt tal-kantun u inaddaf il-gnien minn torba maghmula minn gebel ohxon. Ix-xhud ikkalkola li b'kollox hareg madwar sitt tankijiet materjal minn go dan il-gnien u li wara li Armeni rega' bena l-hajt tal-gnien mill-gdid minn haddiema ohrajn kien rega' gie imqabbad mill-konvenut sabiex igiblu vjagg hamrija. Huwa ikkonkluda billi xehed illi b'kollox ghal dan ix-xoghol thallas mill-konvenut is-somma ta' erba mitt lira Maltin (LM400).

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti sejra tikkwota mir-rapport ta' l-espert tekniku minnha mahtur fejn huwa irrefera ghall-punti rilevanti mix-xhieda.

"**PUNTI RILEVANTI MIX-XHIEDA**

Il-konvenut **James Armeni** xehed illi:

- id-dokument a fol 33 tal-atti hu prospett bl-ispejjez ta' nofs il-hajt u cioe ta' Lm 1,260;
- nofs l-ispejjez tal-hajt u cioe Lm 650 thallsu mill-MDC;
- il-hajt inbena taht is-supervizjoni tal-Perit Pierre Farrugia mill-ufficju ta' Bezzina & Cole u l-kont kollu kien hallsu l-istess konvenut;
- il-hajt ta' qabel kien mibni fuq it-torba w qabel ma waqqghu kien kellem li tal-Menrad li kkonfermaw l-istat hazin tal-hajt kif ukoll lill-MDC li baghtu lill-perit li kkonferma li l-hajt ma kienx stabbli;
- wara li waqqa' l-hajt nehha t-torba kollha li kien hemm imbaghad bena l-hajt gdid;
- biex tnehhiet it-torba, madwar seba' trakkijiet materjal, ix-xoghol dam sejjer erbghat ijiem u gie jiswa Lm 500 kif muri fil-prospett a fol 33 tal-atti pero inkorretement indikat bhala konkos fuq l-istess dokument; l-anqas ma kellu ircevuta ta' dan il-hlas;
- kien kellem lil Annemarie Carabott qabel ma' waqqa' l-hajt u dan sabiex ix-xoghol ma jsirx waqt il-hin tal-iskola;
- il-file tieghu mal-MDC ma nstabx pero instab il-file tal-hlas li sar lilu;
- l-hajt divizorju minn mal-propjeta tas-socjeta attrici qatt ma kien jezisti f'dik il-parti ta' wara tal-gnien u ghalhekk haseb li dik il-bicca kienet tifforma parti mill-art tieghu pero ma' kellux dokumenti jew pjanti.

**Alex Grima**, prodott mill-konvenut xehed illi:

- hu kien bena d-dar tal-konvenut u gie mqabbad mill-istess konvenut biex jibni l-hajt ta' wara li kien hajt divizorju minn mal-MDC;
- l-hajt oriiginali tal-kantun kellu hafna radam mieghu w kien perikolanti b'riskju li jinqaleb fuq il-propjeta tal-konvenut;
- l-bini tal-hajt il-gdid sar taht is-supervizjoni tal-perit mill-ufficcju ta' Bezzina & Cole;
- l-konvenut kien hallsu madwar Lm 1,200 ta' dan ix-xoghol;
- l-hajt kien twil xi hamsin pied, gholi bid-dobblu bejn tnax u tlettax il-filata u singlu fuqu ta' bejn tmienja w disgha filati;

- r-rati tal-bini kienu madwar Lm 25 il-qasba ghas-singlu w Lm 22 il-qasba ghal briks mimli.

**Annemarie Carabott**, prodotta mis-socjeta attrici, xehdet illi:

- il-propjeta tas-socjeta attrici kellha gnien minn quddiem sa wara nett;
- l-iskola kienet tuza bhala playground sa fejn kien hemm il-kamra z-zghira, il-parti ta' wara baqghet mharbta;
- l-konvenut nehha l-parti tal-hajt divizorju mill-kamra z-zghira sa l-hajt ta' wara li hi assumiet kien dejjem hemm a volja qatt ma ratu;
- indunat li dik il-parti ta' wara kienettnaddfet u tpoggew sunbeds fuqha u li l-konvenut ghamilha parti mill-propjeta tieghu;
- l-konvenut wara ftit ammetta li dik il-bicc' art kienet tas-socjeta attrici pero peress li ghamel xi benefikati ppretenda kumpens ghalhihom;
- kienet indunat li tnehha l-hajt divizorju minn mal-konvenut fil-parti ta' wara f'2003 a volja x-xogholijiet saru f'2002 u li l-hajt ta' wara ma' taghix fastidju;
- l-konvenut ma kienx kellima qabel twaqqa' l-hajt ta' wara, l-anqas ma rat ix-xogholijiet isiru.

**Alfred Carabott**, prodott mis-socjeta attrici xehed illi:

- mar fuq il-post u rah imnaddaf wara li qaltlu martu Annemarie;
- mar juri l-pjanta li kellhom annessa mal-kuntratt ta' akkwist lill-konvenut pero dan ma' kienx interessat peress illi qallu li kien iccekkja mad-dipartiment tal-artijiet fejn qalulu li l-art in kwisjtoni kienet tieghu;
- l-hajt divizorju minn mal-propjeta tal-konvenut seta' kien li rah minn fuq il-bejt.

Il-**Perit Pierre Farrugia**, prodott mill-konvenut, xehed illi:

- ma kienx mar fuq il-post qabel ma nbena l-hajt pero l-iskecc tieghu w d-deskrizzjoni seta jaghmlu wara li kien tah spjegazzjoni verbali il-Perit Tal-MIP Chris Borg;
- mhux hu kien ghamel is-supervizjoni tal-kostruzzjoni tal-hajt;

- kien ghamel stima tax-xogholijiet li giet tammonta ghal Lm1,255 u li din kienet ibbazata fuq ix-xogholijiet kif murija.”

Ikkunsidrat :

Illi l-Perit Tekniku ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rapport tieghu :

“**KONSIDERAZZJONIJIET**
Wara li ha konjizzoni tal-atti, ghamel access u gabar il-provi, l-esponent jelenka s-segwenti konsiderazzjonijiet:
1. illi l-konvenut ammetta li l-bicc’ art mertu ta’ din il-kawza, murija bl-arancjo fuq is-*site plan* hawn annessa mmarkata A, tappartjeni lis-socjeta attrici w b’hekk it-talbiet attrici mhumiex qed jigu kontestati; fuq l-istess *site plan* il-propjeta tal-konvenut tidher immarkata bl-isfar;
2. illi l-konvenut kien taht l-impressjoni li l-bicc’ art mertu ta’ din il-kawza kienet tieghu w ghaldaqstant thabat sabiex jirrimedja sitwazzjoni li setghet kienet ta’ periklu ghalih u ghall-familtu peress illi l-hajt seta’ waqa’ f’din il-bicc’ art;
3. illi fid-dokument JA1 ezibit mill-konvenut, il-perit Pierre Farrugia qed jiddikjara li l-hajt li jiddividi l-propjeta tal-partijiet minn dik tal-MDC kien fi stat perikolanti w twaqqa’ u nbena hajt gdid skond id-dizinn sottomess fl-istess dokument u li d-demolizzjoni tal-hajt antik w l-kostruzzjoni tal-hajt il-gdid giet tiswa Lm 1,255 eskluz il-VAT;
4. illi t-tul tal-hajt kollu, muri bl-ahdar fuq is-*site plan* hawn annessa mmarkata A, kien ta’ 18.30 metri w li t-tul tal-hajt li jikkonfina l-propjeta tas-socjeta attrici kien ta’ 11 metri; dak jikkonfina l-propjeta tal-konvenut 2.5 metri w l-kumplament u cioe 4.5 metri jikkonfina ma’ propjeta ta’ terzi mhux parti f’din il-kawza li tmiss mit-Tramuntana mal-propjeta tas-socjeta attrici;
5. illi fid-dokument JA2 ezibit mill-konvenut, id-dirigenti tas-socjeta inkwilina fil-fabbrika adjacenti ma‘ dik il-parti tal-hajt li twaqqa’, kienu wkoll ikkonstataw li l-hajt kien fi stat mhux stabbli u perikoluz;
6. illi l-perit tal-MDC kkonferma li l-hajt ma kienx stabbli;
7. illi l-MDC fil-fatt hallsu lill-konvenut is-somma ta’ Lm 627.50 bhala sehemhom tad-demolizzjoni w bini tal-hajt il-

gdid u din il-figura hija ezattament in-nofs tal-kont mahrug mill-perit Farrugia;
8. illi fil-prospett ezibit mill-konvenut a fol 33 tal-atti, minghajr fatturi annessi, il-konvenut qed jitlob kumpens ta' Lm 1,260 lis-socjeta attrici ghall-sehemhom tal-hajt in kwistjoni;"

Ikkunsidrat :

Illi l-Perit Tekniku wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet :

"**KONKLUZJONIJIET**
L-esponent jissottometti bir-rispett il-konkluzjonijiet tieghu li jittrattaw biss punti teknici w jeskludu materja ta' natura legali mhux kompetenza tieghu:
(i) illi fl-opinjoni tieghu, mill-provi mressqa, jirrizulta li l-hajt antik fuq wara li kien jiddividi l-propjetajiet tal-partijiet f'din il-kawza minn dik tal-MDC kien perikolanti w kellu jitwaqqa';
(ii) illi fl-opinjoni tieghu, mill-provi mressqa, jirrizulta li d-demolizzjoni tal-hajt antik u l-kostruzzjoni tal-hajt il-gdid giet tiswa Lm 1,255 (€2,923.36) eskluz il-VAT skond ic-certifikat irrilaxxat mill-perit Pierre Farrugia, w allura b'kollox l-ispejjez ammontaw ghal Lm 1,480.90 (€3,449.57) inkluz il-VAT;
(iii) illi fl-opinjoni tieghu il-hajt il-gdid sar ukoll a beneficcju tal-propjetajiet tal-partijiet kollha f'din il-kawza w ghaldaqstant l-ispiza tad-differenza li baqa' minn Lm 1,480.90 (€3,449.57) neqesin Lm 627.50 (€1,461.68) li thallsu lill-konvenut mill-MDC u cioe Lm 853.40 (€1,987.89) ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet a proporzjon ta' tul ta' hajt li jikkonfina l-propjeta rispettiva taghhom u cioe Lm 512.97 (€1,194.90)[1] mis-socjeta attrici, Lm 118.53 (€276.10)[2] mill-konvenut u Lm 213.35 (€496.97)[3] minn terzi mhux parti f'din il-kawza; ghaldaqstant is-socjeta attrici trid thallas sehemha ta' Lm 512.97 (€1,194.90) lill-konvenut li kien diga hallas l-ispejjez kollha."

---

1 (11÷18.30 x Lm 853.40)

2 (2.5÷18.30 x Lm 853.40)

3 (4.5÷18.30 x Lm 853.40)

Ikkunsidrat :

Illi minn domandi illi saru lill-Perit Tekniku in eskussjoni tar-rapport tieghu, irrizulta illi s-socjeta’ attrici trid ukoll thallas lill-konvenut is-somma ta’ hames mitt lira Maltin (LM500) illi huwa hallas sabiex naddaf il-parti ta’ l-art illi kienet ser tinbena.

Ikkunsidrat :

Illi mill-provi kollha prodotti irrizulta illi effettivament il-konvenut bena fuq art appartenenti lis-socjeta’ attrici u dan jirrizulta mill-istess ammissjoni tal-konvenut, izda jirrizulta wkoll illi bix-xoghol illi ghamel fuq l-art tas-socjeta’ attrici, jekk is-socjeta’ attrici ma tikkumpsensax lill-konvenut tkun qeghda tarrekixxi ruhha indebitament a skapitu tal-konvenut.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti peress illi tara illi r-rapport tal-perit tekniku huwa ibbazat fuq argumenti u konsiderazzjonijiet validi, il-Qorti qeghda taddotta ir-rapport tal-imsemmi perit tekniku u taghmlu bhala taghha.

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta’ attrici ammettiet illi effettivament il-konvenut bena hajt fuq proprjeta taghha u hawwel ukoll xi sigar, izda qalet illi hija mhijiex ser tarrekixxi ruhha mix-xogholijiet illi saru mill-konvenut peress illi ghandha skopijiet ohra f’mohha ghall-uzu ta’ l-art in kwistjoni u ghalhekk, skond is-socjeta’ attrici, ma hu dovut l-ebda kumpens lill-konvenut.

Illi l-Qorti tara pero’ illi huwa certament dovut kumpens lill-konvenut u dana peress illi irrizulta mill-provi kollha prodotti illi l-konvenut hatt hajt tal-gnien li kien fi stat dizastruz u fil-periklu imminenti li jaqa u bena hajt iehor gdid bil-ftehim u kunsens tal-garr adjacenti tieghu, il-Malta

Development Corporation, tant li il-Korporazzjoni halsuh nofs l-ispejjes tal-kostruzzjoni ta' dan il-hajt.

Illi irrizulta wkoll illi l-konvenut kien ghamel ricerki u kien irrizultalu illi l-art in kwistjoni kienet proprjeta tieghu izda sussegwentement minn ricerki aktar profondi illi saru irrizulta lill-konvenut illi effettivament l-art ma kienitx proprjeta' tieghu izda tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif gej, billi ghal dak illi jirrigwarda it-talba principali tas-socjeta' attrici, fuq ammissjoni tal-konvenut, tilqa t-talbiet kollha attrici u tordna lill-konvenut sabiex fi zmien tlett xhur millum iqieghed lis-socjeta' attrici fil-pussess tal-art minnu illegament detenuta.

Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-Qorti tordna illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-kontro-talba, il-Qorti, filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjonjiet tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata, tilqa it-talbiet kollha tal-konvenut rikonvenzjonant u ghall-fini tat-tieni talba qeghda tikkundanna lill-atturi sabiex ihallsu lill-konvenut is-somma komplessiva ta' elfejn sitt mija u tmenin ewro u hamsa u sittin centezmu (€2,680.65), u tispecifka illi din is-somma hija dovuta in kwantu ghal elf hames mija u hmistax il-ewro u hmistax il-centezmu (€1,515.15) sehem is-socjeta' attrici mill-hajt illi bena il-konvenut, u in kwantu ghar-rimanenti elf mija hamsa u sittin ewro u hamsin centezmu (€1,165.50) rapprezentanti l-ispejjez illi inkorra il-konvenut sabiex naddaf dik il-parti ta' l-art appartenenti lis-socjeta attrici illi inbniet.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kif mitluba kontra l-atturi rikonvenzjonati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------